UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

IL-KNISJA F'MALTA

29 ta' Diċembru 2013
144/2013

## MESSAĠĠ MILL-ARĊISQOF PAWLU CREMONA O.P.

## WAQT L-ISKAMBJU TAL-AWGURI MAL-PUBBLIKU

Nibda billi nawguralkom għas-sena 2014. Ħafna drabi l-ġranet tagħna jimxu mhux biss mal-ġranet ċivili imma wkoll mal-ġranet tal-liturġija, u llum inzertat il-festa tal-familja ta' Nazaret. Din il-festa tfakkarna f'kemm dinjità Alla l-imbierek iħalli l-familja. Meta ħalaq id-dinja, bena kollox madwar raġel u mara. Meta mbagħad ġiet il-familja ta' Nazaret, l-ewwel kien hemm Marija li qalet iva, imbagħad kien hemm Ġużeppi li qal iva biex huma jiffurmaw familja madwar il-Mulej Ġesù. Għalhekk, għalina u għas-soċjetà kollha, il-familja nixtiequ li tkun familja ffurmata minn raġel, mara u t-tfal. Din għandha tkun il-bażi ta' kull soċjetà. Minnha jrid joħroġ ħafna tagħlim fuq it-tfal u ħafna mħabba fuq it-tfal biex huma jitgħallmu jħobbu wkoll u jġibu ħafna stabbilità fis-soċjetà tagħna.

Nixtieq ngħid ukoll li l-Knisja l-ewwel tibda minn dawk li jemmnu fiha, biex issaħħilhom iż-żwieġ tagħhom biex ikunu ta' eżempju għal kulħadd. Imma peress li l-Knisja mhijiex maqtugħa minn mad-dinja ta' madwarha, anke fis-soċjetà tagħna aħna nixtiequ li dan iż-żwieġ bejn raġel u mara li minnhom jitwieldu t-tfal, għandu jkun rispettat ħafna. Nixtieq nagħmilha ċara, aħna m'għandna kontra ħadd, inħobbu lil kulħadd. Aħna li għandna, favur iż-żwieġ. Meta nitkellmu fuq l-addozzjoni tal-gays, meta nitkellmu fuq iż-żwieġ jew l-unjoni ċivili, aħna ma nkunux qegħdin nakkużaw lil ħadd, aħna nkunu qegħdin nappellaw biex inħarsu ż-żwieġ billi nagħtuh il-post li għandu jkollu fis-soċjetà tagħna, u taraw kif ikollna dinja aħjar, u jkollna pajjiż aħjar. Grazzi ħafna.

✠ **Pawlu Cremona O.P.**
Arċisqof ta' Malta


**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**